MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2013

Numru. 565/2013

**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**MATTHEW BRINCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Matthew Brincat ta' 33 sena, bin Carmelo u Frances nee' Azzopardi, mwieled Pieta' fit- 28 ta' Lulju 1980, residenti fil-fond Sacret Heart, Flat 2, Triq il-Poezija, Qormi u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 359680M;

Talli fit- 12 ta' Gunju 2013 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;
1) F' Hal-Qormi fil-perjodu tat-12 ta' Gunju 2013 u l-gimghat ta' qabel din id-data, ikkommetta diversi serqiet

ta' diversi oggetti fosthom deheb u gojjellerija mill-fond Sacret Heart, Flat 2, sitwat fi Triq il-Poezija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur totali li jeccedi s-somma ta' €2,329.37 u li sehh ghad-detriment ta' Carmel Brincat u/jew persuni ohra;

2) Kif ukoll talli nhar it- 12 ta' Gunju 2013, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil- hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 31, 18, 261(b), (c), (e), 263, 267, 278, 279, 280, 110(1) u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal-ewwel (1) akkuza. Fuq ammissjoni tat- tieni (2) akkuza din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------